**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 14 ta` Marzu 2016**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Nru.1072/15 JZM**

**Cormorant Maritime Limited (numru ta` registrazzjoni C-46976) rapprezentata lokalment mill-mandatarju taghha l-Avukat Dr Louis Cassar Pullicino**

***kontra***

**(1) Keith Micallef gia stralcjarju tas-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited (C-47011) ;**

***u***

**(2) Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fit-12 ta` Novembru 2015 li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited (numru ta` registrazzjoni C-47011) kienet socjeta` formalment imwaqqfa f`Malta fl-ghaxra (10) ta` Gunju, 2009 ;*

*2. Illi fl-4 ta` Dicembru 2013 l-imsemmija socjeta` giet struck off ossija kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet Maltin (vide c-certifikati ta` striking off hawn annessi u mmarkati Dokument A) u dan wara li tlesta l-process ta` stralc (liquidation) kif solitu jsir skont il-ligi. L-istralc kien jinkludi inter alia progett ta` tqassim (scheme of distribution) tal-assi rispettivi tas-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited li kien approvat mill-azzjonisti kollha taghha (vide Dokumenti B) ;*

*3. Illi s-socjeta` rikorrenti Cormorant Maritime Limited hija l-unika azzjonista ossija x-shareholder fl-imsemmija socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited (vide Dok C) u hija rapprezentata f`dawn il-proceduri mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino (vide Dok D)*

*4. Illi recentement is-socjeta` rikorrenti saret taf illi fost l-assi li kellha s-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited, kien hemm ammont dovut lilha ekwivalenti ghal hames mija u tletin elf tmien mija u tmien Euro (€530,808.00) (vide Dok E) u liema ammont ma giex inkluz fl-iskema ta` distribuzzjoni li lahqet giet approvata mis-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited fil-process ta` stralc ;*

*5. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha interess illi l-iskema ta` distribuzzjoni tas-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited tigi rrettifikata a terminu tal-Artikolu 300A tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) u dan sabiex id-drittijiet li kellha din il-kumpannija u cioe l-ammonti dovuti lilha, jkunu jistghu jidhlu mal-assi tal-kumpannija fil-progett ta` tqassim (scheme of distribution) u jigu mqassma skont il-ligi ;*

*6. Illi l-Artikolu 300A tal-Kapitlu 386 (Att Dwar il-Kumpanniji) tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi li -*

***Meta fil-kors tal-istralc ta` kumpannija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpannija, u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista` b`rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta jidhrila xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.***

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din il-Qorti:*

*(i) Tawtorizza r-rettifika (rectification) tal-iskema ta` distribuzzjoni li sar fl-istralc tas-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited fis-sens li l-assi, li ghandu l-valur tal-kreditu dovut lilha kif hawn fuq deskritt, u li thalla barra mill-istess skema ta` distribuzzjoni jigi assenjat lis-socjeta` Cormorant Maritime Limited;*

*(ii) Tordna lill-istralcjarju tas-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited (l-intimat Keith Micallef) ihejji skema ta` distribuzzjoni rettifikata skont id-domanda precedenti u jiehu dawk il-passi opportuni u necessarji f`dan ir-rigward;*

*(iii) Tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti qua azzjonista tas-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited tghaddi rizoluzzjoni gdida fejn tigi approvata skema ta` distribuzzjoni rettifikata skont id-domanda precedenti;*

*(iv) Tordna lill-istess stralcjarju Keith Micallef jipprezenta lir-Registratur tal-Kumpanniji l-iskema ta` distribuzzjoni kif rettifikata flimkien mar-rezoluzzjoni msemmija fid-domanda precedenti;*

*(v) Tordna lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji jaccetta l-iskema ta` distribuzzjoni kif rettifikata flimkien mar-rezoluzzjoni msemmija fid-domandi precedenti u tawtorizza lill-istess Registratur tal-Kumpanniji jiehu kwalunkwe passi mehtiega skont il-ligi.*

Rat ir-risposta li pprezenta r-Registratur tal-Kumpanniji fis-17 ta` Dicembru 2015 li kienet ikkonfermata bil-gurament mill-Av. Claudette Fenech u taqra hekk :–

*Illi in kwantu ghall – meriti fattwali tal-kawza peress illi l-konvenut mhuwiex edott mill-fatti kollha dikjarati mill-attur, huwa jirremetti ruhu ghal-gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti u ghall-provi.*

*Illi l-kumpanija DNEPR – 3 Shipping Limited (C 47011) giet xolta u kkancellata volontarjament mill-azzjonist u mill-ufficjali taghha stess taht ir-Regolamenti dwar Bastimenti Merkantili (Organizazzjonijiet ta` Bastimenti Kumpanniji Privati), Avviz Legali 223 tal-2004.*

*Illi l-possibilita` li f`dan il-kaz jinghata r-rimedju taht l-Artikolu 300A tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta) hija a bazi tal-Artikolu 3 tar-regolamenti fuq imsemmija illi jipprovdi illi wiehed ghandu jaghmel referenza ghad-disposizzjonjiet tal-Att dwar il-Kumpanniji jekk ir-Regolamenti ma jipprovdux ghal xi sitwazzjoni partikolari.*

*Illi l-Artikolu 300A taht l-Att jaghmilha cara illi d-dritt ghal tali rimedju mhuwiex wiehed awtomatiku billi jipprovdi illi dina l-Onorabbli Qorti* ***tista,*** *meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-ratifika taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq. Ghalhekk il-legislatur jissottolinea l-fatt illi dan ir-rimedju jista` ma jinghatax jekk kemm-il darba l-Qorti ma jidhriliex illi jirrizultaw dawk ic-cirkostanzi genwini li jridu jigu pprovati tant illi l-Qorti tkun sodisfatta illi jimmeritaw illi tali rimedju jinghata. Ghaldaqstant irid jigi provat l-element oggettiv ta` buona fede, gustizzja u ekwita` meta jinghata tali rimedju.*

*Illi dina l-Onorabbli Qorti dejjem sahqet illi l-procedura mitluba mir-rikorrenti hija ta` natura straordinarja u eccezzjonali. Ghaldaqstant l-esponent jixtieq umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tapplika kondizzjonijiet stretti nkluz l-impozizzjoni ta` termini u proceduri ad hoc ghall-eventwali ratifika tal-iskema ta` distribuzzjoni jekk ikun il-kaz.*

*Illi b`dispjacir l-esponent qieghed jinnota illi r-rikorsi mitluba ghar-rimedju taht l-Artikolu 300A tal-Att qieghdin isiru iktar spissi milli wiehed jixtieq. Ir-Registratur ma jixtieqx illi jinholoq precedent fejn l-azzjonisti jibdew l-process ta` stralc ta` socjeta` u l-istralcjarju jipprezenta d-dokumentazzjoni finali ghall-kancellament tas-socjeta` qabel ma dan ikun accerta ruhu sew illi l-pendenzi kollha, specjalment dawk li potenzjalment jistghu jippregudikaw l-interessi tal-kumpannija jew tal-azzjonisti taghha gew verament finalizzati. Dan ghaliex ikunu taht l-impressjoni komda illi*

*jistghu japplikaw il-Qorti jekk ikun hemm bzonn sabiex jikkoregu xi haga li kien fi dmirhom li jaghmlu jew illi titranga qabel ma tintbghat id-dokumentazzjoni finali ghat-thassir tal-isem tas-socjeta` minn fuq ir-Registru. Ghalhekk f`kazijiet bhal dawn dina l-abbli Qorti m`ghandhiex tipprovdi tali rimedju facilment sabiex jitrangaw in-nuqqasijiet jew traskuragni tal-azzjonisti jew tal-ufficjali tas-socjeta` in kwistjoni. Iktar minn hekk, il-Qorti ghandha tassikura ruha illi ebda kreditur m`hu sejjer jinkorri xi pregudizzju meta tkun qed tikkunsidra jinghatax dan ir-rimedju fic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz jew le. Barra minn hekk, ghandu jkun accertat illi l-process ta` stralc ikun jista` jinfetah u jinghalaq fi zmien ragonevolment qasir sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bzonn. B`hekk ezawrit it-terminu moghti r-Registratur ikun jista` jipprocedi ghat-thassir definittiv tas-socjeta`.*

*Illi l-esponent ihoss illi ma kellux ikun legittimu kontradittur f`din il-kawza ghaliex huwa mexa b`mod korrett meta rregistra d-dokumentazzjoni finali u sussegwentement ikkancella l-isem tal-kumpannija in kwistjoni. Dan specifikament meta inter alia rregistra l-avviz (Formola Q) ai termini tal-Artikolu 132(3) tar-Regolamenti fejn l-istralcjarju kkonferma illi l-process ta` stralc gie komplut u konkluz fit-31 ta` Mejju 2013.*

*Illi l-esponent ihoss illi l-istralcjarju ghandu kundizzjonijiet, setghat u responsabilitajiet kbar. Specjalment f`stralc voluntarju, huwa ghandu obbligu legali illi jaghmel dawk il-hwejjeg u ricerki kollha illi jkunu mehtiega biex jigi stralcjat l-isem tal-kumpannija. Huwa jrid jaccerta ruhu illi l-process kollu illi jibda bix-xoljiment jghaddi ghall-istralc sa ma jintemm bil-kancellament ikun kondott b`kompetenza u responsabilita` kbira u in osservanza tal-ligi. Ghaldaqstant ghandu d-dmir illi jistabbilixxi b`mod oggettiv u awtonomu l-assi u l-passiv tal-kumpannija qabel ma jaghlaq ix-xoghol tieghu b`mod finali u definittiv.*

*Illi ghaldaqstant fl-Artikolu 305 ta` l-Att titlob li persuna ma tkunx kwalifikata li taghmilha ta` stralcjarju kemm-il darba ma tkunx avukat jew individwu illi jkun accountant pubbliku certifikat jew accountant u awditur pubbliku certifikat.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-Registratur qieghed ihalli f`idejn dina l-Onorabbli Qorti jekk l-elementi rikjesti sabiex jinghata tali rimedju jigux provati ghas-sodisfazzjon taghha u l-isem tas-socjeta` in kwistjoni jerga` jitqieghed fuq ir-registru f`stat ta` stralc. Dan sabiex tigi preparata skema ta` distribuzzjoni gdida u ammendata, liema skema u*

*kontijiet finali jigu approvati mis-socjeta` azzjonista tal-kumpannija in kwistjoni. Dan sabiex ir-Registratur ikun jista` jipprocedi sabiex ihassar l-isem tas-socjeta` in kwistjoni minn fuq ir-Registru b`mod finali u definittiv.*

Rat in-nota li pprezenta l-intimat Keith Micallef fil-21 ta` Jannar 2016 fejn iddikjara li kien qieghed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti.

Semghet ix-xiehda ta` Stephen Mamo fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2016 u rat id-dokumenti li pprezenta fil-kawza fl-ismijiet *Cormorant Maritime Limited vs Keith Micallef et (Rikors Nru 1070/2015 JZM)* liema xiehda u dokumenti l-partijiet qablu li ghandha tikkostitwixxi prova anke ghall-fini tal-kawza tal-lum.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-istess udjenza.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza sabiex taghti decizjoni llum.

## II. Provi

**Stephen Mamo** xehed illi huwa Awditur u Senior Manager tad-ditta PricewaterhouseCoopers (minn issa `l quddiem tissejjah `PWC`). Is-socjeta` rikorrenti hija klijent ta` PWC li taghmel l-audit taghha skont il-ligi minn sena ghall-ohra. Is-socjeta` rikorrenti ghandha numru ta` socjetajiet sussidjarji kif jirrizulta mill-iskeda esebita bhala Dok SM3 ; wahda minnhom hija l-kumpannija DNEPR - 3 Shipping Limited. Fisser illi waqt li kien qed isir l-audit tas-socjeta` rikorrenti, kien innotat illi certa bilanci dovuti mis-socjeta` rikorrenti lis-sussidjarji taghha nkluza DNEPR – 3 Shipping Limited ma kinux riflessi fil-kotba tas-sussidjarji. Lanqas ma kienu jidhru fil-liquidation accounts u fl-scheme of distribution. Ghalhekk irrizultat diskrepanza bejn x`kienet qeghda tghid il-kumpannija li taghha kien qed isir l-audit, u x`kienu qed ighidu l-liquidated entities.

Kompla stqarr illi saret investigazzjoni aktar fil-fond tal-bilanci. Il-fatt huwa li s-socjeta` rikorrenti tkun il-Manager, u t-Treasury tal-vessel companies. Jigri li l-Manager tidhol fi tehim mal-banek sabiex tissellef il-flus halli tixtri l-bastimenti. L-ownership ikun tal-vessel entity. Meta l-

bastimenti jinbieghu, il-ftehim mal-bank ikun jahseb sabiex ir-rikavat tal-bejgh jerga` jidhol ghand il-Manager, fil-kaz tal-lum is-socjeta` rikorrenti sabiex il-bank jiehu l-flus mhux il-vessel entity. Gara li l-profitt baqa` jidher fuq is-socjeta` rikorrenti mentri fil-verita` meta nbieghu l-vessels, il-hlas kellu jidher fil-kotba tal-vessel companies, ghaliex l-asset kien jappartjeni lill-vessel companies. Meta tghodd il-profitti li saru abbazi ta` dawn is-sales tas-sitt liquidated entities fosthom DNEPR-3 Shipping Limited kien hemm figura ta` €7,300,000 kif jidher aktar preciz fil-prospett Dok SM4. Dan ifisser li s-socjeta` rikorrenti ghandha taghti lis-sitt liquidated entities fosthom id-DNEPR-3 Shipping Limited dan l-ammont.

Sostna li s-sitt kumpanniji sussidjarji fosthom DNEPR-3 Shipping Limited ghaddew minn process ta` xoljiment volontarju.

Il-Qorti staqsiet lix-xhud hekk :

*Meta jigu biex jaghmlu l-voluntary liquidation, dawn il-pendenzi ma jkunux jafu bihom ?*

Ix-xhud wiegeb :

*Fil-verita` li gara f`dan il-kaz meta jiena bdejt ninvestiga l-ammonti kif saru go Cormorant Maritime, ghax jiena visibility at that stage tal-liquidated entities ma kellix, indunajt illi l-klijent, l-accountant biex niftehmu, tal-Cormorant Maritime, ghamlu t-transazzjonijiet kollha gol-Cormorant Maritime minghajr ma rriflettewhom gol-vessel companies. Allura meta l-likwidatur u l-awditur tal-liquidation companies gew prezentati bin-numri tal-liquidation, dawn l-ammonti ma bdewx jarawhom, skoprejthom jien ghax bdejt ninvestiga x`gara fil-Cormorant Maritime. Peress li t-transazzjonijiet ghaddew kollha fil-Cormorant Maritime, il-manager zammhom hemm minghajr ma rrifletta.*

Ghalhekk, kompla stqarr ix-xhud, il-persuna li kienet qeghda taghmel il-liquidation accounts tas-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited ma kellhiex fil-pussess taghha l-accounts tas-socjeta` rikorrenti. L-istampa li kienet ipprezentata lill-istralcjarju kienet inkompleta. L-istralcjarju joqghod fuq l-informazzjoni li jinghata sabiex jipprepara l-liquidation accounts, ghax l-unika visibility li ghandu sa dak l-istadju huwa x`qed jghid il-Manager. Meta kien qed jaghlaq l-istralcjarju, ma kellux dik l-informazzjoni minghand il-Manager.

Spjega illi l-beneficial owner tal-asset u cioe` tal-bastiment kienet is-socjeta` rikorrenti. L-ownership tal-vapur ha tkun il-liquidated entity. L-azzjonista tal-liquidated entity hija s-socjeta` rikorrenti.

Il-Qorti ghamlet din id-domanda lix-xhud :-

*X`kien l-iskop li taghmel din il-procedura ?*

Ix-xhud wiegeb hekk :-

*Li gara huwa dan, fil-verita` jekk ikolli mmur ghall-conclusion mill-ewwel, ser tibqa` fejn inti. Imma jekk naraw l-entitajiet separati, Cormorant Maritime, l-entita` li qed noditja jiena, ghandha €7,500,000 payable lis-sussidjarji. Is-sussidjarji qed jghidu ahna m`ghandna niehdu xejn minghandek. Allura jiena spiccajt b` €7,500,000 li ma nafx x`ser naghmel bihom. L-unika haga li stajt naghmel jiena nghid €7,500,000 m`ghandi naghtihom lil hadd, naqbad u naghtihom profitti, bla spjegazzjoni so to speak fuq l-accounts ragunata. Issa li jsir fil-verita`, u hekk qed nitolbu llum, hija li l-vessel companies jirrikonoxxu il-gain, il-profitt fuq is-sale, u mbaghad dak il-profitt jigi distribwit bhala dividend, bhala dividend lill-parent tieghek, li hija Cormorant Maritime, kif qed tghid tajjeb inti minn but ghall-iehor, imma rather milli taqbad u tghid isma` kelli naghti €7,500,000 lil xi hadd, m`ghandix x`naghtihom iktar dawn, ser naqbad u nohodhom profitti, il-procedura hija li l-vessel company ghamlet il-gain fuq l-asset u qed ittella dividend fuq dak il-profitt, prior to liquidation ovvjament, hekk kif qed nipprezentaw fir-revised scheme of distribution lill-parent taghha.*

Kompla jghid :-

*… gejna quddiem il-Qorti llum biex naghmlu l-affarijiet kif suppost. Stajna, kieku ridna, naqbdu u nohduhom top profit u ultimately ser ikunu profit xorta, bhala dividend jew bhala right off xorta ultimately Cormorant Maritime.*

Stqarr illi b`dak il-mod il-qaghda ma kenitx tkun trasparenti ghall-ahhar, apparti li kien hemm involuti ammonti sostanzjali, anke jekk ma kienx involuta tassazzjoni ghaliex hawn si tratta ta` shipping companies li huma exempt. From a cash basis, il-cash diga` qieghed ghand il-Manager, ghand Cormorant Maritime. Il-vessel company qatt ma ratu l-cash, imma fil-verita` on paper ikun hemm set off.

Il-Qorti staqsiet lix-xhud kemm tiehu zmien biex issir ir-rettifika u l-konkluzjoni tal-ischeme of distribution. It-twegiba kienet fis-sens illi x-xoghol huwa prattikament lest ; kemm jonqos l-approvazzjoni tal-qorti. Temp ta` xahar ikun bizzejjed.

Fil-**kontroezami** x-xhud kompla spjega illi ghalkemm fir-realta` *the cash is already at the shareholder* u cioe` s-socjeta` rikorrenti, *the scheme of distribution as presented fails to show that there were these amounts payable to the parent … what we`re trying to do here is doing things in the proper way, and revising the scheme of distribution, that is it.*

Il-Qorti staqsiet :

*Jekk l-ischeme of distribution ma jkunx korrett, jista` jkun hemm riperkussjonijiet min-naha tal-awtoritajiet fiskali ?*

Ix-xhud wiegeb :

*Jiena perswaz li kieku mmur ghand l-awtoritajiet fiskali u nghidilhom isma` ghandi gain din is-sena ta` €7,300,000 li qed naghmel write off ta` bilanc li kelli niehu minghand kumpannija li jiena shareholder taghha, it will raise eyebrows.*

Ghalhekk li qieghed jigi propost tramite l-procediment tal-lum huwa korrett kemm mil-lat legali kif ukoll mil-lat ta` uditjar.

Ippreciza illi PWC kien l-awditur ta` Cormorant Maritime Limited biss mhux tas-sussidjarji. Ghalhekk kienet PWC li sabet id-diskrepanza.

## III. Konsiderazzjonijiet

**L-Art 300A tal-Kap 386** jaqra hekk -

*(1) Meta fil-kors ta` l-istralc ta` kumpannija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpannija, u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista` b`rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta*

*jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*(2) Meta kumpannija tkun ghamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti taghha skond skema ta` distribuzzjoni u l-isem ta` dik il-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull kreditur li l-pretensjoni tieghu kontra l-kumpannija ma tkunx giet sodisfatta jista`, b`rikors, jaghmel talba ghal dak li hu dovut lilu minghand l-azzjonisti tal-kumpannija pro rata ghall-ammont li jkun ricevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista`, meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru hlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa :*

*Izda f`ebda kaz ma ghandu azzjonist ikun mehtieg li jikkontribwixxi ghal ammont li jkun izjed minn dak ricevut minnu mad-distribuzzjoni.*

*(3) Ma jista` jsir ebda rikors taht dan l-artikolu wara li jghaddu hames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpannija jkun thassar mir-registru.*

Diversi kienu d-drabi fejn din il-Qorti kif presjeduta ppronunzjat ruhha fis-sens illi l-procedura skont din id-disposizzjoni hija ta` natura eccezzjonali u hekk ghandha tibqa` titqies (*inter alia* : "**Ian Mizzi v. Ir-Registratur tal-Kumpanniji**" : 30 ta` Novembru 2010). Ghalhekk talbiet skont din id-disposizzjoni ma kellhomx jiltaqghu jekk mhux ghal ragunijiet tassew eccezzjonali jew meritevoli. Il-procedura mhijiex intiza semplicement sabiex jinstab rimedju ghal zbalji jew nuqqasijiet ohra fil-konduzzjoni tal-procedura ta` stralc ta` kumpannija.

Fil-procediment tal-lum, ir-Registratur tal-Kumpanniji ha posizzjoni responsabbli u cara fis-sens li rrimetta ruhu u halla fil-gudizzju ta` din il-Qorti kull konsiderazzjoni dwar jekk fuq l-iskorta tal-provi li resset ir-rikorrenti kellhiex din il-Qorti tilqa` it-talbiet inkella le ; fl-istess kienet legittima l-aspettattiva tieghu illi l-procedura tibqa` fl-essenza taghha wahda eccezzjonali.

Ir-rikorrenti mexxiet skont l-ewwel (1) subinciz tal-Art 300A. Huwa evidenti li meta ntavolat ir-rikors, ma kienx il-hsieb tas-socjeta` rikorrenti li tirravviva l-kumpannija DNEPR-3 Shipping Limited, kif isir bl-Art 325 tal-Kap 386. L-intenzjoni tas-socjeta` rikorrenti manifesta fil-premessi u fit-talbiet hija li titlob rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni ; ghalhekk l-Art 300A.

Ir-rikorrenti tikkwalifika bhala *persuna interessata* skont l-ewwel (1) subinciz. Irrizulta nfatti li hija l-unika azzjonista tas-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited tant li tippossjedi l-ishma kollha taghha. Pero` hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi dan il-fatt m`ghandux jimmilita kontra l-karattru eccezzjonali tal-procediment. Infatti skont ix-xiehda ta` l-Awditur Stephen Mamo, u abbazi tad-dokumenti li jaghmlu parti mill-atti processwali, jirrizulta li l-omissjoni tal-kreditu li s-socjeta` rikorrenti ghandha fil-konfront ta` DNEPR-3 Shipping Limited u li jikkostitwixxi l-uniku assi ta` din is-socjeta` ma kienx imputabbli ghal xi nuqqas jew zball ta` l-intimat Keith Micallef li kien l-istralcjarju ta` DNEPR-3 Shipping Limited izda ghal deficjenzi fil-kontabilita` tas-socjeta` rikorrenti. L-istralcjarju hadem fuq l-informazzjoni li kellu.

Irrizulta li l-omissjoni rrizultat waqt li kien qed isir l-audit tas-socjeta` rikorrenti. Hargu cari l-motivazzjonijiet ta` l-awdituri PWC meta nsistew sabiex tigi ntavolata din il-procedura. Ghalkemm si trattava ta` kreditu ta` azzjonista versu s-socjeta` li l-*beneficial owner* hija dak l-azzjonista, il-korrettezza fl-uditjar u t-trasparenza tal-kotba kienet tesigi li l-kreditu tas-socjeta` rikorrenti kellu jidher fl-iskema ta` distribuzzjoni tas-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited. Ghalhekk filwaqt li l-procedura tibqa` ta` applikazzjoni stretta, tibqa` mizura tajba li haseb ghaliha l-Legislatur sabiex il-finalizzazzjoni ta` stralc tigi kondotta fuq binarji certi u li jiggarantixxu t-trasparenza.

Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti hi konvinta li l-istralcjarju sar jaf bil-kreditu in kwistjoni bhala l-uniku assi tas-socjeta` xjolta minghajr zball jew nuqqas da parti tieghu, wara li kienet approvata l-iskema ta` distribuzzjoni, wara li kien konkluz l-istralc u wara li l-kumpannija kienet kancellata mir-Registru tal-Kumpanniji. Ghalhekk din il-Qorti tghid li ghandu jkun hemm rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni sabiex l-istralcjarju jindika l-kreditu ta` €530,808 favur is-socjeta` DNEPR-3 Shipping Limited. Fl-istess waqt ma tarax li hemm lok jew htiega li r-Registratur tal-Kumpanniji jerga` jqieghed l-isem tal-kumpannija DNEPR-3 Shipping Limited fuq ir-Registru. Fl-ghoti tal-provvediment li sejra taghti hija assikurata mill-fatt li ebda kreditur ma hu sejjer jinkorri xi pregudizzju jekk din il-Qorti tordna r-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni stabbilita mill-istralcjarju. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tar-Registratur tal-Kumpanniji li jigu prefissi parametri jew terminu ghar-rettifika tal-iskema ta` distribuzzjoni u ghall-presentata taghha lir-Registratur. B`dan il-mod min-naha wahda jkun assikurat li dak li trid ir-rikorrenti titwettaq tabilhaqq u fil-pront, u min-naha l-ohra l-process ta` stralc jerga` jiftah u jaghlaq fi

zmien ragonevolment qasir. Ghalhekk il-Qorti sejra tipprefigi terminu ta` xahar li kien indikat mill-Awditur Stephen Mamo fid-deposizzjoni tieghu.

<u>Decizjoni</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi hekk –**

**1) Riferibbilment ghall-ewwel talba, tawtorizza r-rettifika ta` l-iskema ta` distribuzzjoni li saret fl-istralc tal-kumpannija DNEPR-3 Shipping Limited (li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C-47011) sabiex l-assi ta` dik is-socjeta` jkunu kkostitwiti mill-kreditu favur taghha ta` hames mija u tletin elf tmien mija u tmien Ewro (€530,808) u li thalla barra mill-iskema ta` distribuzzjoni, sabiex dak l-assi jigi assenjat lis-socjeta` rikorrenti.**

**2) Tiddikjara li l-isem tal-kumpannija DNEPR-3 Shipping Limited (li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C-47011) ma ghandux jerga` jitqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Riferibbilment ghat-tieni talba, tordna lill-intimat Keith Micallef bhala stralcjarju tal-kumpannija` DNEPR-3 Shipping Limited (li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C-47011) sabiex ihejji skema ta` distribuzzjoni rettifikata skont il-provvediment tal-lum.**

**4) Tilqa` t-tielet u r-raba` talbiet.**

**5) Tordna li t-thejjija tal-iskema ta` distribuzzjoni rettifikata mill-intimat Keith Micallef, it-tehid ta` rizoluzzjoni gdida mis-socjeta` rikorrenti li tapprova l-iskema ta` distribuzzjoni rettifikata, u l-presentata lir-Registratur tal-Kumpanniji tal-iskema ta` distribuzzjoni rettifikata flimkien mar-rizoluzzjoni tal-azzjonisti, jsiru kollha sa terminu perentorju ta` xahar mil-lum.**

**6) Riferibbilment ghall-hames talba, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jaccetta l-iskema ta` distribuzzjoni rettifikata**

**flimkien mar-rizoluzzjoni tal-azzjonisti dment illi din tkun ipprezentata fit-terminu perentorju ta` xahar skont il-provvediment tal-lum.**

**7) Tordna lis-socjeta` rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**